MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 888/2007

**Go p.l.c. – C-22334**

**vs**

**Cachia Martin**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi li gie prezentat fis-7 ta’ Dicembru tas-sena 2007 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ elfejn, erba’ mija u sebgha u disghin Euro u tmintax-il centezmu (€2,497.18c) rapprezentanti ammont illi kien dovut in konnessjoni ma’ diversi servizzi telefonici li jgibu n-numri innegati fl-istess avviz u dana skond kif jirrizulta minn dokumenti annessi mal-avviz immarkati bhala Dok IZY1, IZY2, IZY3 u IZY4 bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata disgha (9) ta’ Jannar tas-sena 2008 fejn fl-ewwel lok kien ecepixxa d-deskrizzjoni ---u fil-mertu li l-ammont mitlub fit-talba tas-socjeta’ attrici ma kinitx fondata fil-fatt u fid-dritt u li dawn l-ammonti ma kienux dovuti mill-istess konvenut.

It-Tribunal ra s-sentenza tieghu stess datata tletin (30) ta’ Mejju, 2008 bis-sahha ta’ liema l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni kienet giet preskritta u ordna l-prosegwiment tal-kawza bl-ispejjez ta’ din is-sentenza fuq il-preskrizzjoni a karigu tal-konvenut. Ezamina d-dokumenti esebiti kif ukoll ix-xhieda ta’ Dottoressa Ingrid Zammit Young. Ha nota tad-dokument prezentat fis-seduta tal-lum stess erbgha u ghoxrin (24) ta’ Gunju, 2009, li permezz taghha l-konvenut ammetta it-talba attrici kif dedotta fil-precetat avviz.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed, fuq ammissjoni tal-istess konvenut, jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici. Konsegwentament jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallasha is-somma mitluba ta’ elfejn, erba’ mija u sebgha u disghin Ewro u tmintax-il centezmu (€2,497.18c) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------